# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 24 ta' Settembru 2020**

**Kawza Numru: 3**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 777/2020 JVC**

**Karl Borg**

**vs**

**Dr Joseph P Bonnici u P.L. Jean Pierre Busuttil li permezz ta' digriet tal-24 ta' Gunju 2020 gew mahtura bhala Kuraturi deputati mahtura sabiex jirraprezentaw lil Stephen Sammut, prezentement assenti**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat bil-procedura tal-giljottina fejn ir-rikorrent Karl Borg kkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

**IL-FATTI**

1. Illi l-esponent huwa proprjetarju tal-fond "Casa Sammut" 5B, gieli maghruf ukoll bin-numru 6, gewwa Triq Braille Santa Venera, ghaddiet ghal fuq l-attur meta hu akkwista l-istess fond precitat permezz ta' kuntratt ta' donazzjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Francis Micallef datat l-ghaxra (10) ta' Frar tas-sena elfejn u sittax (2016) – **Dok. A**;

2. illi ricentement gie a konjizzjoni tal-attur illi l-konvenut Stephen Sammut illegalment u minghajr ebda permess skond kif rikjest mill-ligi registra l-indirizz tal-imsemmi fond "Casa Sammut" 5B, gieli maghruf ukoll bin-numru 6, gewwa Triq Braille Santa Venera bhala l-indirizz ufficcjali tieghu mal-awtoritajiet ta' Malta bhala l-indirizz tar-residenza tieghu, u dana minghajr id-debitu permess kif inghad u minghajr ma ghandu titolu legali fuq l-istess fond gewwa Triq Braille Santa Venera;

3. Illi ghalhekk, fit-18 ta' Dicembru 2019, l-attur pprezenta ittra ufficjali bin-numru 4990/19 (**Dok. B**) kontra l-konvenut u ohrajn u fost affarijiet ohra interpella lill-istess konvenut sabiex huwa minnufieh u f'kwalunkwe kaz fi zmien hames (5) t'ijiem minn dak inhar, huwa:

    i. Jivvaka l-fond "Casa Sammut" 5B, gieli maghruf ukoll bhala 6, gewwa Triq Braille Santa Venera;

ii. Javza l-ufficcju elettorali ta' Malta u l-Ufficcju tal-karti ta' l-identita' fi hdan l-Agenzija Identita' Malta li huwa m'ghandu l-ebda titolu ghall-fond "Casa Sammut" 5B, gieli maghruf ukoll bhala 6, gewwa Triq Braille Santa Venera u inoltre li l-istess indirizz m'huwiex ir-residenza tieghu;

iii. Javza lil kull terza persuna ohra li seta' ta' tali indirizz (kompriz bannek, istituzzjonijiet finanzjarji, ufficcji Governattivi inkluz il-Kummissarju tat-Taxxi) li l-istess indirizz gewwa Triq Braille Santa Venera m'huwiex ir-residenza tieghu;

iv. Jieqaf immedjatament milli juza l-indirizz tal-fond "Casa Sammut" 5B, gieli maghruf ukoll bhala 6, gewwa Triq Braille Santa Venera daqslikieku kien tieghu;

v. Jieqaf immedjatament milli jindahhal fil-hwejjeg tal-attur u milli jfixkel l-attur fil-godiment tal-proprjeta' tieghu, cioe' tal-fond "Casa Sammut" 5B, gieli maghruf ukoll bhala 6, gewwa Triq Braille Santa Venera;

4. Illi permezz ta' digriet tal-24 ta' Gunju 2020 (vide l-anness **Dok. B)** gew mahtura Dr Joseph P Bonnici u P.L. Jean Pierre Busuttil bhala Kuraturi Deputati mahtura sabiex jirraprezentaw lill-assenti Stephen Sammut (ID 45657M) fl-atti tal-Ittra Ufficcjali spedit mill-attur fit-18 ta' Dicembru 2019 (**Dok. B**) u fl-atti kollha sussegwenti u relatati;

5. Illi bi twegiba ghall-precitata ittra ufficcjali spedita mill-attur, li giet prezentata fit-22 ta' Jannar 2020 mill-Agenzija

Identity Malta (**Dok. C**), l-istess Agenzija, fost affarijiet ohra, wiegbet illi hija t-terza persuna illi ghandha tkun responsabbli li taghmel dikjarazzjoni veritiera fir-rigward tal-indirizz tal-post principali ta' residenza f'Malta ai termini tal-artikolu 5 (2) (b) tal-Kapitolu 258 tal-Ligijiet ta' Malta. (bhal fil-mertu odjern l-intimat Stephen Sammut);

6. Illi bi twegiba ghall-precitata ittra ufficcjali spedita mill-attur, li giet prezentata fit-3 ta' Jannar 2020 mill-Kummissjoni Elettorali (**Dok. D**), l-istess Kummissjoni, fost affarijiet ohra, wiegbet illi kwalunkwe registrazzjoni tistrieh fuq id-dikjarazzjoni maghmula mill-persuna skont il-ligi lill-awtoritajiet kkoncernati;

7. Ghalkemm debitament interpellat sabiex jivvaka l-fond "Casa Sammut" 5B, gieli maghruf ukoll bin-numru 6, gewwa Triq Braille Santa Venera, il-konvenut baqa' ghal kollox inadempjenti;

8. Illi minkejja diversi interpellazjonijiet l-istess konvenut naqas milli juri xi titolu li abbazi tieghu jista' jkun qed jivvanta xi forma ta' pretensjoni li jinqeda' bl-imsemmija proprjeta' bhala r-residenza tieghu u ghalhekk huwa l-kaz li l-konvenut ghandu jigi zgumbrat mill-fond "Casa Sammut" 5B, gieli maghruf ukoll bin-numru 6, gewwa Triq Braille Santa Venera;

9. Illi ghalhekk, fl-opinjoni tal-attur jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi ai termini tal-artikoli 167 *et seq.* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) u hija l-umli fhema tal-attur li l-istess konvenut m'ghandu l-ebda eccezzjoni valida x'jaghti kontra t-talba

biex l-istess konvenut jigi zgumbrat mill-fond "Casa Sammut" 5B, gieli maghruf ukoll bin-numru 6, gewwa Triq Braille Santa Venera;

10. Illi inoltre, l-esponent jiddikjara u jikkonferma illi huwa jaf personalment bil-fatti hawn esposti;

11. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

**IT-TALBA**

GHALDAQSTANT, ghar-ragunijiet premessi, u prevja li jinghataw dawk l-ordnijiet, dikjarazzjonijiet u provvedimenti kollha necessarji u opportuni, jghidu l-konvenuti ghaliex m'ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:

1) Taqta' u tiddeciedi din il-kawza skont it-talba, bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur ta' l-artikolu 167 *et seq* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta);

2) Tiddikjara li l-konvenut Stephen Sammut (ID 45657M) m'ghandu l-ebda titolu fuq il-fond "Casa Sammut" 5B, gieli maghruf ukoll bin-numru 6, gewwa Triq Braille Santa Venera u li ghalhekk tordna lill-istess konvenut Stephen Sammut (ID 45657M) sabiex fi zmien qasir u perentorju li joghgobha timponi dina l-istess Onorabbli Qorti, il-konvenut Stephen Sammut (ID 45657M) jizgombra mill-istess fond "Casa Sammut" 5B, gieli maghruf ukoll bin-numru 6, gewwa Triq Braille Santa Venera;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni u bir-rizerva ta' kull dritt iehor spettatni lill-attur skond il-ligi, kompriz kull azzjoni ghar-rizarciment tad-danni;

Rat illi ghas-seduta tallum dehru l-kuraturi ghan-nom tal-intimat izda l-intimat ma dehrx;

L-attur talab li l-kawza tmur ghad-decizjoni in vista li din hija procedura bil-giljottina;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat;**

Rat id-dokumentazzjoni kollha annessa mar-rikors guramentat;

Rat partikolarment il-kuntratt li permezz tieghu r-rikorrenti sar sid tal-fond in kwistjoni fl-atti tan-Nutar Francis Micallef datat 10 ta' Frar, 2016;

Rat id-dokumentazzjoni relatata man-nomina tal-kuraturi deputati kif ukoll id-diversi Ittri Ufficcjali esebiti fl-atti;

Semghet ix-xiehda tar-rikorrent Karl Borg fejn iddikjara illi Stephen Sammut sa fejn jaf hu ma jghix fil-Gzejjer Maltin u li izda bhala residenza f'Malta jidher li mar-Registru Elettorali ghandu l-indirizz imsemmi u cioe' "Casa Sammut" 5B, gieli maghruf bin-numru 6, gewwa Triq Braille, Santa Venera.

Wara li semghet ix-xiehda ta' Karl Borg u rat id-dokumentazzjoni kollha fl-atti, tqis illi t-talba attrici hija gustifikata.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1. Tilqa' l-ewwel talba kif dedotta;

2. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara li l-konvenut Stephen Sammut (ID 45657M) m'ghandu l-ebda titolu fuq il-fond "Casa Sammut" 5B, gieli maghruf ukoll bin-numru 6, gewwa Triq Braille Santa Venera u ghalhekk tordna lill-istess konvenut Stephen Sammut (ID 45657M) sabiex fi zmien xahar mil-lum jizgombra mill-istess fond "Casa Sammut" 5B, maghruf ukoll bin-numru 6, gewwa Triq Braille Santa Venera;

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**24 ta' Settembru 2020**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**24 ta' Settembru 2020**